



Dokument ta' sessjoni

B9-0128/2024

5.2.2024

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar Russiagate: allegazzjonijiet ta' ndħil Russu fil-proċessi demokratiċi tal-Unjoni Ewropea
(2024/2548(RSP))

Beata Szydło, Ryszard Czarnecki, Anna Fotyga, Angel Dzhambazki, Jacek Saryusz-Wolski, Jadwiga Wiśniewska, Bogdan Rzońca, Beata Mazurek, Dominik Tarczyński, Adam Bielan, Witold Jan Waszczykowski, Joachim Stanisław Brudziński, Roberts Zīle, Elżbieta Rafalska, Charlie Weimers, Waldemar Tomaszewski, Hermann Tertsch, Andżelika Anna Możdżanowska
f'isem il-grupp ECR

**European Parliament resolution on Russiagate: allegazzjonijiet ta' ndħil Russu fil-proċessi demokratiċi tal-Unjoni Ewropea
(2024/2548(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-dizinformazzjoni¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-indħil barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-dizinformazzjoni²,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 2016 dwar il-komunikazzjoni strateġika tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda kontriha minn pajjiżi terzi³ u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu tat-13 ta' Marzu 2019 lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar l-analiżi tas-segwitu mogħti mis-SEAE sentejn wara r-Rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-komunikazzjoni strateġika tal-UE biex tikkontrobatti l-propaganda kontriha minn pajjiżi terzi⁴,
 - wara li kkunsidra l-Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża – Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali, approvata mill-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2022 u mill-Kunsill Ewropew fl-24 ta' Marzu 2022,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi tim internazzjonali ta' ġurnalisti investigattivi żvelaw f'artiklu f'*The Insider* li l-Membru tal-Parlament Ewropew Latviana għal żmien twil, Tatjana Ždanoka, ħadmet għal aktar minn għaxar snin bħala aġent tas-servizzi tal-intelliġenza Russa; billi sa mill-2014, is-Sa Ždanoka tqiegħdet taħt investigazzjoni mill-awtoritatjiet tas-sigurtà Latviana, ġiet akkużata li kienet aġent ta' influwenza tar-Russia;
- B. billi dan mhuwiex l-ewwel każ ta' Membru tal-PE li jispjunja għar-Russia, fejn il-Membru tal-partit tal-lemin extrem Jobbik, Béla Kovács ġie kkundannat għal raġunijiet simili mill-awtoritatjiet Ungeriżi;
- C. billi analiżi tal-interventi pubbliċi, ir-rekords tal-votazzjoni, l-aktivitajiet leġiżlattivi u l-avvenimenti sponsorjati tal-Membri tal-PE tindika li l-każ ta' Tatjana Ždanoka jista' ma jkunx iżolat u li aktar Membri tal-Parlament Ewropew jista' jkollhom rabtiet mal-intelliġenza Russa, minkejja l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russia mnedja kontra l-Ukrajna; billi, mill-2014, diversi Membri tal-PE żaru t-tterritorji okkupati tal-Ukrajna u tal-Georgia, u ġew ospitati fis-Sirja mid-dittatur bla ħniena Bashar al-Assad, bi ksur tas-

¹GU C, C/2023/1226, 21.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1226/oj>.

²GU L 347, 9.9.2022, p. 61.

³GU C 224, 27.6.2018, p. 58.

⁴ ĠU C23, 21.1.2021, p. 152.

sanzjonijiet tal-UE u l-liġijiet nazzjonali, filwaqt li ntużaw bħala għodda ta' propaganda ta' dawn ir-reġimi;

- D. billi fl-2018 u fl-2019 Elizaveta Peskova, bint il-kelliem ta' Vladimir Putin, Dmitry Peskov, kienet qed taħdem bħala trainee ma' Membru tal-PE;
- E. billi istituzzjonijiet oħra tal-UE huma inqas trasparenti mill-Parlament Ewropew, u għalhekk l-influwenza Russa hija saħansitra aktar diffiċli biex tīgħi esposta u miġġiedha hemmhekk; billi l-aktar eżempju ovvju ta' operazzjonijiet speċjali Russi fi ħdan l-UE kien il-bini tal-pipelines Nord Stream bil-kunsens sieket ta' ċerti uffiċjali tal-UE, li qatt ma ġie investigat kif xieraq;
- F. billi r-Russja bl-ghajjnuna tal-aġġenti ta' influwenza tagħha ilha toħloq u xxerred diżinformazzjoni ta' skala u malizzja mingħajr preċedent, billi trawwem rabtiet ma' partiti politiċi tax-xellug estrem u tal-lemin estrem fl-UE, kif ukoll billi tuża mezzi tradizzjonali tal-midja u pjattaformi tal-midja soċċiali, sabiex tqarraq biċċ-ċittadini tagħha f'pajjiżhom u lill-komunità internazzjonali; billi hemm għadd kbir ta' politiċi "Russlandversteher" fi ħdan il-partiti politiċi tradizzjonali, b'mod partikolari eks mexxejja Germani, Awstria u Franċi ta' livell għoli - l-aktar każ simboliku huwa Gerhard Schröder - li, għalkemm imħallas b'mod miftuħ mill-Kremlin, jeżerċitaw l-influwenza favur ir-Russja tagħhom kemm fix-xena politika domestika kif ukoll f'dik Ewropea;
- G. billi dawn l-azzjonijiet, li huma parti minn strateġija ta' gwerra ibrida u jikkostitwixxu ksur tad-dritt internazzjonali, jiżgwidaw liċ-ċittadini u jqarrqu bihom u jaffettaw l-imġiba tal-vot tagħhom, jamplifikaw dibattiti diviżivi, jifirdu, jippolarizzaw u jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tas-soċjetajiet, ifixklu l-integrità tal-elezzjonijiet demokratiċi u referenda, deliberatament joħolqu n-nuqqas ta' fiduċja fil-gvernijiet nazzjonali u l-awtoritajiet pubbliċi u għandhom l-għan li jiddestabilizzaw id-demokraziji Ewropej, u għalhekk jikkostitwixxu theddida serja għas-sigurtà u s-sovranità tal-UE u tal-Istati Membri;
- H. billi l-kampanji Russi ta' diżinformazzjoni u propaganda jinfluenzaw ukoll it-tfassil indirett tal-opinjoni fl-Ewropa billi jiffukaw fuq id-dijaspora li titkellem bir-Russu, speċjalment f'pajjiżi b'popolazzjonijiet kbar li jitkellmu bir-Russu, bħall-Ġermanja (aktar minn 3 miljuni), il-Latvja u l-Estonja;
- I. billi r-Russja tradizzjonalment kienet qed timplimenta t-tattiċi antiki ta' "firda u tmexxija" billi tindaħal fl-affarijiet interni tal-Istati Membri tal-UE u żżid id-diviżjonijiet fis-soċjetajiet u bejn in-nazzjonijiet, bl-użu kemm ta' influwenza ekonomika, bħall-proġetti Nord Stream li ma tkompliex, kif ukoll bl-użu ta' propaganda ostili;
- J. billi d-dipendenza enerġetika tal-UE fuq ir-Russja ħolqot diffikultajiet enormi għas-sigurtà tal-enerġija tagħha minn meta r-Russja bdiet il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u enfasizzat in-nuqqas ta' viżjoni ta' ċerti Stati Membri, minkejja bosta twissijiet kontra t-tishħiħ tar-relazzjonijiet mar-Russja, li ġejjin l-aktar minn pajjiżi fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant;
- K. billi lejliet l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024 għandna nistennew żieda fl-indħil u fil-

manipulazzjoni tal-informazzjoni mir-Russja;

- L. billi r-Russja kienet qed tittrasporta migranti lejn il-fruntiera esterna tal-UE bħala parti mill-istrateġiji ta' ndħil barrani ibridu tagħha biex tippovoka lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, bħal fil-ħarifa tal-2021 lejn il-fruntieri tagħha mal-Polonja, il-Litwanja u l-Latvja u fl-2023 lejn il-fruntiera tagħha mal-Finlandja; billi dawn it-tentattivi ta' ndħil ibridu jieħdu wkoll il-forma ta' tixrid tad-diżinformazzjoni u b'hekk jippolarizzaw is-soċjetajiet tal-UE;
 - M. billi l-finanzjament Russu ta' attivitajiet politiċi u politiċi fl-Unjoni Ewropea qabel u wara l-24 ta' Frar 2022 għadu jiġi żvelat minn ġurnalisti u esperti u jirrikjedi investigazzjoni bir-reqqa biex dawk li huma kompliċi jinżammu responsabbi;
 - N. billi r-Russja tfittex li tagħmel kuntatti ma' partiti, personaġġi u movimenti politiċi tax-xellug estrem u tal-lemin estrem, sabiex tuża atturi fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE biex tillegġittemizza l-pożizzjonijiet Russi u l-gvernijiet bi prokura, bil-ġhan li toħloq pressjoni għall-ħelsien mis-sanzjonijiet u ttaffi l-konsegwenzi tal-iżolament internazzjonali;
 - O. billi diversi personaġġi pubbliċi mill-Istati Membri tal-UE, inklużi eks kapijiet tal-gvern u membri tal-kabinet, bħal Gerhard Schröder, Wolfgang Schüssel, François Fillon, Karin Kneissl u Paavo Lipponen, kellhom pożizzjonijiet imħalla sa tajjeb f'kumpaniji tal-enerġija kkontrollati mill-Kremlin; billi, anke wara l-invażjoni tal-Ukraina fuq skala kbira mir-Russja, xi wħud minnhom id-deċidew li ma jirriżenjawx u komplew jiġu sponsorjati bil-prezz tad-demm tal-Kremlin, bil-kompliċità silenzjuża tal-partiti politiċi tagħhom;
 - P. billi r-Russja kienet involuta b'mod attiv fl-appoġġ tal-kampanja separatista tal-Katalonja, li kienet tinkludi t-tixrid ta' diżinformazzjoni, l-istabbiliment ta' fabbriki tat-trolls u bots, u saħansitra offerti biex jintbagħtu 10 000 truppi u flus biex jiġi eliminat id-dejn tal-Katalonja jekk tiġi ddikjarata l-indipendenza;
1. Jistenna li l-awtoritajiet Latvjani jiftħu investigazzjoni ta' kontrointelligence kriminali dwar l-attivitajiet ta' Tatiana Ždanoka abbażi tal-evidenza ppubblikata minn *The Insider*;
 2. Jilqa' d-deċiżjoni tal-President Metsola li tniedi investigazzjoni dwar il-każ tas-Sa Ždanoka fil-Parlament u li tirreferi l-każ lill-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri tal-Parlament; iqis li l-azzjonijiet tas-Sa Ždanoka jiksru b'mod ċar il-Kodiċi ta' Kondotta, speċjalment l-Artikolu 1(a) u (b), l-Artikolu 2(a) u l-Artikolu 3 tiegħu, u jistieden lill-President tuża s-setgħat tagħha biex timponi deċiżjoni motivata li tissospendi lis-Sa Ždanoka mill-attivitajiet kollha tal-Parlament;
 3. Jitlob li jiġu adottati azzjoni rapida ulterjuri u miżuri aktar effettivi fil-Parlament Ewropew li jimmiraw l-infiltrazzjoni possibbli mis-servizzi tal-intelliġenza Russa u servizzi ostili oħra;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi investigazzjoni interna dwar it-trattament tal-każ Nord Stream u l-influwenza Russa matul il-proċess tal-ippjanar u l-bini tal-pipelines;

5. Itenni t-tħassib tiegħu dwar ir-rivelazzjonijiet li r-Russja appoġġjat movimenti seċċessjonisti fl-UE bħala parti mit-tentattivi tagħha biex tiddestabilizza l-Punent; jiddeplora, f'dan ir-rigward, il-każ ta' movimenti seċċessjonisti Spanjoli li wettqu attentat ta' kolp ta' stat fl-2017, li fixkel serjament il-funzjonament tal-istituzzjonijiet pubbliċi u wassal għal perjodu twil ta' instabbiltà li għadu jinħass sal-lum;
6. Jinnota bi tħassib li skont rapport ippubblikat miċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridi u mill-Kummissjoni, l-attivitàajiet tar-Russja biex jiddestabilizzaw lil Spanja varjaw minn appoġġ għal movimenti seċċessjonisti għal operazzjonijiet ċibernetiċi u investimenti diretti, li permezz tagħhom ippruvat iddgħajnejf u tagħmel ħsara lill-integrità u l-funzjonalità tad-demokrazija Spanjola; jinnota, barra minn hekk, li wħud minn dawn l-operazzjonijiet kienu jinkludu l-organizzazzjoni ta' rewwixti li rriżultaw fil-korimenti ta' mijiet ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u fil-mewt ta' ċittadin Franċiż fl-Ajrūport ta' El Prat;
7. Jinnota l-proċedimenti kriminali li għaddejjin fi Spanja li fihom il-qorti investigattiva tiddikjara li għandha bizzżejjed evidenza li r-Russja offriet appoġġ kemm ekonomiku kif ukoll militari lill-assoċjati ta' Carles Puigdemont, il-president tar-reġjun tal-Katalonja ta'dak iż-żmien; jinnota, barra minn hekk, li l-Qorti Suprema Nazzjonali Spanjola talbet formalment li Carles Puigdemont u membri oħra tal-partiti seċċessjonisti jiġu investigati dwar akkużi ta' terroriżmu b'rabta mal-attentat ta' kolp ta' stat fl-2017, peress li l-imħallfin iqisu li hemm bizzżejjed evidenza tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-organizzazzjoni ta' rewwixti u atti terroristiċi;
8. Jikkundanna l-fatt li, skont ix-xhieda ta' Víctor Tarradellas, eks membru tal-partit ta' Carles Puigdemont responsabbi għar-relazzjonijiet internazzjonali, ir-Russja offriet li tibgħat 10 000 suldat, kif ukoll li tħallas għalkollox id-dejn reġjonal Katalan, jekk il-Katalonja tirrikonoxxi t-territorju Ukren tal-Krimea bħala territorju tal-Federazzjoni Russa;
9. Jissottolinja li investigazzjonijiet kriminali dwar akkużi ta' spjunaġġ jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri; jilqa' l-fatt li diversi pajjiżi tal-UE waqqfu kumitatni investigattivi speċjali ddedikati għall-ġlieda kontra l-influwenza Russa, filwaqt li oħrajn reċentement xoljewhom; jiddispjaċi għall-fatt li f'xi każiżiet, dawk li għandhom jiġu ppremjati għaż-żarmar ta' networks ta' ispiji Russi u Belarussi u għall-ġlieda effettiva kontra l-gwerra ibrida tagħhom, qed jiġu ppersegwitati għal raġunijiet politiċi, minflok ma jiġi protetti b'mod speċjali mill-awtoritajiet nazzjonali;
10. Jikkundanna bil-qawwa l-ex politiċi ta' livell għoli li bdew jaqilgħu salarju mir-Russja ftit wara li temmew il-karriera politika tagħhom f'pajjiżhom; iqis li dan huwa kunflitt ta' interessa ċar u jinsisti li l-Istati Membri jadottaw regolamenti li jiprojbixxu lill-eks prim ministri u membri tal-kabinett milli jaċċettaw pożizzjonijiet f'kumpaniji tal-istat mir-Russja, iċ-Ċina, l-Iran u stati awtokratiċi oħra;
11. Jinsab imħasseb dwar il-politika Russa li l-kultura tintuża bħala arma biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Kremlin u biex iċ-ċittadini Russi li jaħdmu f'dan il-qasam jintużaw bħala aġenti ta' influwenza u spjunaġġ;
12. Iwissi kontra l-ftuħ tal-fruntieri tal-UE għall-poplu Russu li jipprova jitlaq mill-pajjiż biex jevita li jiġi rreklutat fl-armata jew li jaħrab mit-tbatija ekonomika marbuta mas-

sanzjonijiet; jissottolinja li wara r-rilokazzjoni fit-territorju tal-Istati Membri tal-UE, xi wħud minnhom jistgħu jibdew ikollhom rwol attiv fil-promozzjoni jew l-appoġġ tal-propagazzjoni tan-narrattiva u l-propaganda Russa, kif digħà ġara fil-Georgia u s-Serbja;

13. Jikkundanna bil-qawwa l-prattiċa Russa li tuż-a l-migranti illegali bħala armi u li timbottahom bil-forza fit-territorju tal-UE sabiex deliberatament toħloq dissens, diviżjoni u nuqqas ta' fiduċja;
14. Iwissi li l-attivitàajiet ta' spjunaġġ Russi fl-Ewropa qed jiżdiedu, li huwa evidenzjat minn għadd kbir ta' networks skoperti mis-servizzi ta' kontrointelligenza fl-Istati Membri;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lin-NATO u lill-awtoritajiet Russi.